# TRIBUNAL INDUSTRIJALI.

## Decizjoni Nru 1810

Kaz Nru 2305/HW

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Cleavan Lovegrove

u

Sisa Malta Ltd.

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.

Illum : 27 ta' Settembru, 2007

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK)

Dan il-Kaz gie prezentat fir-Registru tal-Qorti Superjuri fit-28 ta' Lulju 2005, mill-Avv. Norma Vella f'isem Cleaven Lovegrove kontra is-Socjeta Sisa Malta Ltd., dwar terminazzjoni ta' mpjieg allegatament ingusta ai termini ta' L-Att ta' l-2002 dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Att nru. XXII ta' l-2002).

Is-Sur Cleaven Lovegrove li minn issa jidher bhala l-Appellant, matul is-smigh tal-Kaz quddiem it-Tribunal Industrijali kien assistit mill-Avv. Norma Vella. Ghas-Socjeta Sisa Malta Ltd. deher is-Sur Simon Mifsud assistit mill-Avv. Robert Attard.

Fl-istqarrija tal-kaz l-Appellant jghid, li kien ilu jahdem f'dan is-Supermarket li jinsab Spinola ghal seba snin u matul il-hajja ta' l-impjieg tieghu dejjem qeghda d-doveri tieghu sew u qatt ma kellu twissijiiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub.

Fl-istqarrija tal-kaz huwa jkompli jghid, li fis-Supermarket kien hemm sistema ta' Sisa Card fejn persuna takkumula l-punti skond kemm tonfoq fis-supermarket u skond il-punti li jigu akkumulati x-xerrejja jigu moghtija rigal. Huwa jghid ukoll, li l-management kien heggeg lill-impjegati sabiex dawn jaghmlu wahda fuq isimhom.

L-appellant ikompli jghid, li pemezz ta' ittra l-impjieg tieghu gie terminat fil-5 ta' Lulju 2005, fejn gie nfurmat li kellu hafna punti fil-card tieghu u gie akkuzat li kien akkumulhom ghax abbuza mis-sistema.

L-Appellant jghid ukoll, li huwa qatt ma abbuza mis-sistema ghax qatt ma kellu access ghal-makna tas-Sisa Cards u l-punti kienu akkumulaw peress illi huwa, flimkien mal-membri kollha tal-familja tieghu kienu jaghmlu x-xirjiet taghhom mis-Sisa Supermarket. Huwa jghid ukoll, li barra li kienu jmorru l-familjari tieghu sabiex jixtru u jaghtu l-punti lilu, kienu jigu wkoll klijenti li ma kienux interessati fis-Sisa Card u kienu jghidulu biex jiehu l-punti hu.

Ghas-Socjeta ntimata da parti taghha qalet, li f'Ottubru 2004 introduciet sistema li permezz taghha l-klijenti kif ukoll impjegati setghu jakkwistaw punti li mbghad jissarfu f'oggetti meta huma jaghmlu xirja minghand xi hanut ta' l-istess socjeta.

Fl-istqarrija tal-kaz huma jkomplu jghidu, li kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-Appellant ghal zmien twil abbuza mill-istess sistema u r-responsabbilita

**moghtija lilu meta akkwista punti fl-iskema f'ismu minn fuq xirjiet ta' klijenti ohrajn.**

**PROVI**

**Mill-provi jirrizulta, li l-appellant beda jahdem fis-supermarket bhala stacker mit-3 ta' Marzu 2004 u matul il-hajja ta' l-impjieg tieghu huwa qatt ma kellu twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li is-supermarket kien introduca sistema ta' Sisa Card fejn ix-xerrejja kienu jibbenefikaw minn punti li wara jissarfu f'rigali. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-haddiema tas-Supermarket kienu ntitolati li jippartecipaw f'din is-sistema fuq l-istess principji u regolamenti li kienu japplikaw ghall-klijienti tas-Supermarket.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-management beda investigazzjonijiet dwar din is-sistema meta ircieva numru ta' ilmenti minghand klijenti li meta kienu qed jixtru ma kienux qed jigu irregistrati l-punti tax-xirja fuq is-Sisa Card taghhom.**

**Mill-evidenza mressqa quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li kien hemm numru ta' haddiema impjegati fis-Supermarket li kienu jhallu is-Sisa Card taghhom mal-kaxxiera u kienu jirregistraw il-punti tax-xirja fuqhom u fuq il-haddiema shabhom minflok fuq il-klijenti li kienu ghadhom kemm jghamlu ix-xirja mis-supermarket.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta l-management iddentifika minn kienu l-haddiema ha passi dixxiplinarji fil-konfront taghhom u ttermina l-impjieg taghhom inkluz ta' l-appellant.**

**Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali gie relevat ukoll, li l-appellant ma accettax it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu fejn argumenta li l-punti li gew attribwiti lillhu kienu rizultat ta' xirjiet li saru mill-familjari tieghu u minn klijenti ohra li riedu jghaddu l-punti lillhu volontarjament.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wahda mill-kundizzjonijiet li hemm fil-card tghid "The Sisa Card must be presented at any cash point prior to commencement of one's bill. The card is personal to its holder and gives the right solely to such holder to participate in all SISA initiatives promoted from time to time. SISA retains the right in its sole discretion to verify that the person presenting the card is the actual holder of the card and shall for this purpose request such person to present personal identification documentation".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-appellant qatt ma talab il-permess tal-management biex punti tal-familjari tieghu jew ta' klijenti hbieb tieghu jigu trasferiti fuq il-card tieghu.**

KONSIDERAZZJONIJIET

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jezamina wahda milll-kundizzjonijiet citata hawn fuq tar-regolament tal-Kumpanija tas-SISA Card li bazikament tghid, li din il-card tghati id-dritt biss lill**

minn jippossedija biex jippartecipa fl'inizjattivi promozzjonali tas-Supermarket li jsiru minn zmien ghall-iehor. Ma dan, biex dan ir-regolament ikompli jigi emfasizzat jghid ukoll, li meta l-klijenti jghamlu ix-xirja taghhom jistghu jigu mitluba li jopproducu l-karta ta' l-identita taghhom. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li dan ir-regolament jimplika li l-identification card tigi mitluba biex jigi zgurat li l-punti tax-xirja qed isiru fuq il-card tax-xerrej u mhux fuq xi card ohra. It-Tribunal Industrijali hu tal-fehma wkoll li dan ir-regolament jimplika wkoll li punti ta' xerrejja jistghu jigu registrati fuq il-Card ta' minn kien qed jixtri u li ma setghux l-punti jigu trasferiti fuq cards ta' xerrejja ohra.

DECIZJONI

Wara li it-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u sema u evalwa ix-xhieda prodotti, ikkunsidra is-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq isib, li l-Appellant kiser regolament tal-Kumpanija. F'dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kienet ghall-raguni tajba u sufficcjenti.

Ghall-finijiet ta' doveri li jithallsu it-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin liri (LM 40) – tlieta u disghin Euro (E 93) Maltin lill-persuni li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju